Minuti tal-laqgha numru 7 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 22 ta' Awwissu 2013 |
| HIN | 2.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

7.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 6 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

7.2 Arising Out ma kienx hemm

7.3 Korrispondenza batch 78 u 79

7.3.1 Ittra minghand Cliff Zammit Stevens dwar il-Kuncert li kine ser jorganizza fi Pjazza tal-Arcisqof. Kien qed jitlob sabiex jarma Marquis. Kien hemm qbil li dan jintrama fi triq San Pawl

7.3.2 Talba minghand Ludwig Galea sabiex ikun jistgha jorganizza attivita waqt it-tieg tieghu f'Gunju 2014, billi tinghalaq it-Triq. Din it-talba giet irrifjutata;

7.3.3 Ittra minghand Profs Paul Sant Cassia fejn ta xi suggerimenti dwar id-dawl fuq il-Pont tal-Imdina. Din it-talba kienet ser tigi konsiderata meta jkun hemm fondi.

7.3.4 Korrespondenza dwar Seminar dwar Energy Efficiency

7.3.5 Kellna ittra minghand Renato Tanti fejn qed jipproponi li jaghmel , ghas spejjez tal-Kunsill, xoghol ta' manutenzjoni fuq il-lampi tad-dwal li hemm fil-Playingfield. Minhabba l-ispiza involuta din it-talba ma gietx milqugha;

7.3.6 Kellna ittra minghand MAGF dwar sejha ghal Measure 313 fuq fondi tal-EU dwar progetti relatati mat-Turizmu. Wara diskussjoni qbilna li napplikaw ghal progett tat-tinda ghal karrozzini flimkien ma xoghol ta' tisbieh f'parti mill-Gonna ta' Howard ( Il-gnien iz-zghir) kif ukoll il-lampi fil-Playing field;

7.3.7 Kien hemm korrespondenza mal-kumitat tal-Mdina Knights dwar il-ftuh tal-Ezebizzjoni li kienet ser issir fis-Sala tal-Kunsill. Qbilna li l-Kunisill jofffri xi drinks waqt il-ftuh.

7.4 Jum l-Imdina /BBQ

7.4.1 PS ta' l-infomazzjoni dwar il-preparamenti tal-BBQ. Giet diskussa ukoll il-lista tal-mistiednin.

7.5 Il-Gonna ta' Howard

7.5.1 Saret diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tal-manutenzjoni tal-Gonna ta' Howard . Kien osservat li kien qed ikun hemm diversi nuqqasijiet u ma kienx qed isir ix-xoghol rikjest. Issemma ukoll il-fatt li kien hemm nuqqas ta' fjuri u il-hegdes .

7.5.2 Kien hemm qbil li tinhareg Default Notice lil kuntrattur minhabba dawn in-nuqqasijiet.

7.6 Affarijiet ohra meqjusa urgenti.

7.6.1 Saret diskussjoni dwar ir-restawr tal-Kanuni u fejn ser jigu mqeda meta isir ix-xoghol. Kien hemm qbil li jitpoggew quddiem il-Bieb tal-Griegi.

7.6.2 Kien hemm qbill u giet approvata lista ta' assi li kienu ser jitnehhew mil-lista tal-assi minhabbba li m kien ghad ghandhom valur (lista annessa)

7.6.3 Gew approvati r-rapport finanzjarju ghal-ewwel tliet xhur tas-sena.

Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 7/13

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |